MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 101/2010

**Andrew Zaffarese (KI 259383M)**

**Vs**

**INIC Company Limited (C040577)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' €3500 (tlett elef u hames mitt euro) rappresetnanti arretrati ta' salarju lilu dovut bhala 'chef' meta hu kien impjegat mas-socjeta' konvenuta u jahdem fir-restaurant li igib l-isem 'Mimi' li jinsab fi Triq it-Torri, Sliema.

Bl-imghax legali mid-data u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra legali lis-socjeta konvenuta mibghuta. Is-socjeta' konvenuta giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fl-10 ta' Novembru 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur s-somma ta' €3500 bl-imghax legali mill-24 ta' Marzu 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta' din il-procedura inkluzi dawk tal-ittra legali msemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------